MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 34

17 ta' Marzu 2015

Minuti tas-seduta Nru. 34 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2015.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.9.2. **(Ref: E/1/3/Vol IV)** tas-seduta ta' qabel u talab li din tinqara hekk:

*"2.9.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 12.2. u qal li fid-dawl tal-fatt li jirriżulta illi numru ta' lampi mhumiex awtorizzati, ser ikun hemm talba mis-sidien tal-boathouses biex dawn jerġgħu jsiru hekk kif l-Enemalta plc tikkonettja dawk biss li jidhru fuq il-pjanti tagħha. Is-Sur C. Bartolo qal li l-Kunsill ikun irid jirrispondi għal din l-eventwalita`. Huwa qal li l-għaqda tas-sidien ta' l-Armier iż-Żgħir jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill u lesti jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż għal-lampi l-ġodda li jridu jsiru.".*

1.2. Is-Sur C. Bartolo talab ukoll li l-minuta 9.8. **(Ref: F/1/2/Vol VIII)** tiġi emendata kif jidher hawn taħt:

*"9.8. Is-Seġretarju ġibed l-attenzjoni li għandha tingħata attenzjoni partikulari għat-tendenza li bdiet fl-2013, fejn il-bilanċ ta' flus disponibbli fil-kontijiet tal-bank niżel b'mod sostanzjali u li kemm il-darba din tkompli, jkun hemm problemi ta' cash flow li jkollha effett fuq ir-relazzjoni mal-kredituri u l-fiduċja fil-Kunsill. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li biex wieħed ikun oġġettiv, għandu jittieħed in konsiderazzjoni illi l-ammonti li għad irid idaħħal il-Kunsill (Receivables) li jammontaw għal €142,802. Huwa kkummenta wkoll li fil-Current Liabilities jista' jkun hemm element ta' Non-Cash Items.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti bl-emendi mressqa u għaldaqstant is-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Mixja Penitenzjali mill-Mellieħa sa l-Isla (S/6/Vol IV)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.7.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li ġie mitlub mill-organizzaturi ta' dan l-avveniment sabiex il-*coaches* u *minibuses* li jġibu lil dawk li se jieħdu sehem fil-mixja, ser iniżżluhom fi Triq Ġorġ Borg Olivier u joħorġu lura Triq Ġnien Ingraw. Għal dan il-għan, intalab li Triq Ġnien Ingraw issir temporanjament *one-way* 'il fuq.

2.1.3. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta billi l-*coaches* jistgħu jidħlu u joħorġu minn Triq Qasam Barrani, fejn ma jibqax bogħod għal post minn fejn tibda l-mixja.

2.1.4. Is-Sindku ppropona li fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq San Publiju jkun hemm erba' *mobile toilets*, flimkien ma' tnejn oħra fix-Xemxija, minħabba l-konkorrenza mistennija għal dan l-avveniment.

2.1.5. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 2.2.1. Kundizzjonijiet applikabbli għall-Kunsill dwar l-użu tas-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku J. Buttigieg għarraf li huwa, flimkien mas-Segretarju ltaqgħu mal-Kap tal-Iskola Primarja s-Sinjorina M. Cordina u l-President tal-Kunsill Skolastiku s-Sur C. Bartolo fis-17 ta' Marzu 2015, fejn iddiskutew il-proposti li qabel magħhom il-Kunsill fis-seduta preċedenti. Mill-istess laqgħa deher li ser tibqa' issir insistenza li fil-*control room* ikun hemm żewġ tekniċi u mhux wieħed. Dan minkejja li saret pressjoni sabiex ikun hemm wieħed biss bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż. Ġiet trattata wkoll ir-rata ta' €15 fis-siegħa għat-tekniċi u dik ta' €10 fir-rigward tal-purtinar. Kemm-il President tal-Kunsill, kif ukoll il-Kap tal-Iskola sostnew li meta vverifikaw ma' kuntrattur privat, dan qalilhom li jitlob ħlas ta' €21.24 inkluż il-VAT. Ġiet trattata wkoll il-possibilita` li jkun hemm attivitajiet fejn ikun jista' jinġieb kuntrattur privat. In-naħa tal-Iskola wriet li dan ikun aċċettabbli, iżda l-kuntrattur ma jkunx jista' jingħata aċċess għall-*control room* u għalhekk ikollu jaħdem mis-sala.

2.2.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li qabel kien ikun hemm persuna waħda li tħaddem l-apparat u għalhekk ma jarax ir-raġuni għaliex m'għandux ikun hekk bil-għan li ma jsirux spejjeż żejda li jirrendu probittiv l-użu tas-sala mill-għaqdiet tal-Mellieħa.

2.2.4. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għandu arranġamenti mat-tliet għaqdiet mużikali biex itellgħu l-attivitajiet tagħhom fis-Sala tal-Iskola. Bħala eżempju huwa semma l-kunċert ta' Ħadd-il Palm li jsir flimkien mal-Għaqda Mużikali Imperial, fejn l-ispiża biex isiru r-*rehearsals* u l-attivita` proprja bir-rati l-ġodda ser tinvolvi spiża ta' €320. Is-Sur J. Buttigieg, qal li l-Kunsill f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jiffissa *threshold* sa fejn ikun jista' jikkontribwixxi għall-użu tas-sala. Huwa ssuġġerixxa li dan m'għandux ikun iktar minn €300.

2.2.5. Filwaqt li l-Kunsill innota l-pożizzjoni addottata mill-Kap tal-Iskola u l-President tal-Kunsill Skolastiku, qabel mal-iffissar tat-*threshold* propost mis-Sindku fil-minuta preċedenti.

### 2.3.1. *Workshop* dwar Ħelu San (E/3/1/11)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 17.1. tas-seduta ta' qabel u għarfet li l-*workshop* ser isir fis-7 ta' April 2015 fis-sala tal-Kunsill bejn id-9.00am u l-11.00am. Kemm-il darba, il-konkorrenza tkun qawwija jsir ieħor bejn is-1.00pm u t-3.00pm.

2.3.3. l-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Rampa għall-persuni b'diżabilita` fi Triq San Pawl (P/8/1/Vol II)

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk ittieħditx xi azzjoni dwarha.

2.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi stabbilit mal-*Contracts Manager* dwar jekk dan it-tibdil fl-għoli tal-bankina jeħtieġ li jkun kopert b'D.N.O. mill-MEPA.

### 2.5.1. Pjattaforma tal-konkos fil-Bajja ta' l-Għadira (X/1/4/Vol II)

2.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi.

2.5.3. Is-Sindku stqarr li huwa nfurmat li n-Nature Trust ikkummissjonaw rapport lid-ditta Adi Associates Environmental Consultants Ltd sabiex jagħmlu analiżi tas-sitwazzjoni bil-għan li jkun jista' jiġi mgħoddi lill-Blue Flag Organization. Jidher ukoll li fl-2015 ser isir aċċenn partikulari fuq l-indafa.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Manutenzjoni fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 14.2. tas-seduta ta' qabel u għarraf li ġie nstallat l-intercom li kellu jsir qrib l-bieb li jifred id-Dar tal-Anzjani miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa fakkar li dan qed jinżamm magħluq minħabba raġunijiet ta' sigurta` f'każ ta' emerġenza, bil-għan li r-*receptionist* tad-Dar ikollu rendikont ta' kull min ikun qiegħed fil-bini.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Proġett bi sħab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)

2.7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ż-żjara li seħħet fi Clusone bejn l-4 u l-11 ta' Marzu 2015. Huwa fakkar li għaliha attendew grupp ta' żgħażagħ biex jieħdu sehem fi proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja taħt il-programm Erasmus+, li jġib l-isem *"La cultura unisce i giovani europei con minori opportunita`"* Kompla jgħid li fost ix-xogħol li kellhom jagħmlu parti mill-proġett kienet preżentazzjoni dwar Malta u oħra dwar il-Mellieħa. Minbarra żgħażagħ minn Clusone, kien hemm gruppi oħra simili ġejjin mill-Latvia u l-Ungerija. Is-Sur C. Bartolo ressaq rapport dwar dan il-proġett waqt is-seduta. Il-Viċi Sindku qal li hemm prospetti tajbin li jsir proġett simili fil-Mellieħa.

2.7.3. Il-Viċi Sindku fakkar li attwalment qed tiġi pproċessata applikazzjoni mill-Muniċipalita` ta' Pargauja fil-Latvia taħt il-programm Erasmus+, bl-isem "Europa Mirabilis", fejn il-Mellieħa hija waħda mill-imsieħba.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Attivita` mill-Federazzjoni Vetturi Antiki (A/6/3/2/Vol 47)

2.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u aġġorna lill-Kunsill dwar ir-*rally* organizzat mill-federazzjoni msemmija, li ntemm fejn l-irziezet ta' Selmun. Huwa għarraf ukoll li attenda għall-konklużjoni tiegħu s-Segretarju Parlamentari responsabbli mir-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isports – l-Onor. Chris Agius.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 12/03/15
- Skeda ta' Pagamenti – 20/02/15 – 12/03/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – Kumitat Reviżjoni tal-Kriterji dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi – 03/03/15
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2015

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Healthy Living Week fil-MRC Middle School* Naxxar (S/6/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Frar 2015, fejn id-direzzjoni tal-*MRC Middle School,* li qed torganizza l-attivita` imsemmija bejn l-20 u l-24 ta' April 2015. Fl-istess ittra ġie spjegat li din tinvolvi kompetizzjoni tal-arti, sports, taħditiet għat-tfal u l-ġenituri, *cyber bullying*, użu tal-internet mit-tfal, u ikel san. Fir-rigward tal-aħħar qed jitolbu sabiex

il-Kunsill jipprovdi yoghurt, tonn taż-żejt, ilma, frott u ħaxix frisk u brieret għat-tfal. Fl-istess imejl intqal li parti sostanzjali tal-istudenti li jattendu l-iskola huma mill-Mellieħa.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxu sa mhux iktar minn €200, bil-kundizzjoni li jingħata għarfien għal dan is-sehem fuq xi materjal li jiġi stampat jew b'mezzi oħra li ser jintużaw mill-organizzaturi.

**4.2.1. Terminazzjoni ta' qbiela u talba għal kumpens (P/4/6/Vol IV)**

4.2.2. Inqrat ittra datata 27 ta' April 2015, fejn l-Ombudsman irrefera għall-każ tas-Sur Alden Grima dwar teħid ta' raba b'rabta mal-iżvilupp tal-Park tal-Familja. Fl-istess ittra ġiet apprezzata l-pożiżżjoni tal-Kunsill illi qed isostni illi m'hemmx prova li f'parti mill-uċuħ kien hemm il-basal taż-żafran. Għaldaqstant l-Ombudsman irrakkomanda lill-Kunsill sabiex jagħmel offerta ta' pagament lis-Sur Grima għal valur tas-siġar u almenu l-valur nominali għaż-żafran.

4.2.3. Is-Segretarju ressaq l-istima li saret mid-Dipartiment tal-Agikoltura, li kienet tammonta għall-€7,974.60. Huwa fakkar li din kienet tkopri l-basal taż-żafran, is-sigar, flimkien ma' €1,414.60 bħal kumpens għat-telf tal-frott, kif ukoll €600 bħala gest ta' rieda tajba mill-Kunsill.

4.2.4. Wara li ddiskuta r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, il-Kunsill iddeċieda li għandu jkopri l-ispiża tas-siġar bl-esklużjoni taż-żafran, li m'għandiex taqbeż €1,500, bħal ħlas sħiħ u finali.

**4.3.1. Attivitajiet sportivi fir-Ramla tal-Mixquqa (A/6/3/2 Vol 52)**

4.3.2. Inqara imejl datat 9 ta' Marzu 2015, mibgħut mid-Dipartiment tal-Isports tal-MCAST, fejn intalab permess sabiex fit-28, 29 u 30 ta' April 2015 jorganizzaw *sportdays* fir-Ramla tal-Mixquqa. Dan jinvolvi l-armar ta' *5-a-side football pitch*; *courts* tal-Volleyball, Handball, Tchoukball, Dodge Ball u logħob ieħor li jinvolvi l-ilma. Kull ġurnata ser tkun tinvolvi 800 student.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni meta tqies iż-żmien tas-sena, bil-kundizzjoni li ma jidħlux vetturi fuq ir-ramla u jinġiebu *bins* għall-iskart li jiġi ġġenerat.

**4.4.1. Attivita` "It-Tliet Marijiet" f'Selmun (A/5/3/6/Vol IV)**

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Marzu 2015, mibgħut mill-Fondazzjoni Arkeo fejn għarfet li ser torganizza attivita` marbuta mat-tema tal-Passjoni u l-Għid fl-irżieżet ta' Selmun. Sar appell sabiex il-Kunsill jgħin fil-promozzjoni tal-istess attivita` u possibilment jitqassmu *flyers* fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja din l-inizjattiva, partikularment minħabba li tinvolvi l-użu u l-promozzjoni ta' beni li ġew devoluti lilu. Ġie propost ukoll sabiex jintuża s-sit elettroniku tal-*heritage trail*, kif ukoll dak tal-Kunsill.

**4.5.1. Appell mis-Sanzjonar ta' xogħlijiet li saru fi Sqaq Ħarruba (D/3/1/Vol V)**

4.5.2. Is-Segretarju rrefera għas-sanżjonar tal-wiċċ bil-konkos illi sar fi Sqaq Ħarruba permezz ta' PA 3337/13, kif ukoll għall-appell 159/14 MS li sar minn xi residenti ta' Triq il-Mejjiesa kontra l-ħruġ tal-istess permess. Is-Sur C. Debono fakkar li f'sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fid-29 ta' Jannar 2015, irriżulta li t-talba tal-appellanti ma ġietx milqugħa peress li kienet tardiva. Huwa qal ukoll li kien hemm żvilupp ieħor fis-sens li l-persuni konċernati fetħu kawża quddiem il-Qorti tal-Appell kontra l-MEPA u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

4.5.3. Is-Segretarju qal li l-konsulent legali tal-Kunsill ġie mgħarraf dwar dan u ntalab inwieġeb l-appell. Is-smiegħ tal-kawża ser isir fit-22 ta' April 2015

4.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.6.1. Skema dwar Tagħlim Tul-il Ħajja (E/3/1/Vol III)**

4.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-Memo 5/2015 datat 12 ta' Marzu 2015 dwar l-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet tat-Tagħlim Tul-il Ħajja għas-sena 2015-2016. Hija għarrfet li saret applikazzjoni sabiex ikun jista' jitkompla l-kors tal-Malti

għall-Barranin, filwaqt li jiġu ntrodotti oħrajn ġodda tat-Taljan, l-Ispanjol u *Healthy Well Being and Successful Aging*, minn Ottubru 2015.

4.6.3. Is-Sindku għarraf li saritlu proposta mid-direzzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali sabiex korsijiet li jiġu organizzati mill-Kunsill jsiru fl-istess ċentru.

4.6.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Marzu 2015.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda tal-pagamenti li tkopri bejn l-20 ta' Frar u t-12 ta' Marzu 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li din għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/4)

7.2. Il-Viċi Sindku qal li jkun f'pożizzjoni li jagħti d-dettalji dwar il-parteċipanti u l-ispejjeż stmati ta' dan l-avveniment sas-seduta li jmiss. Minkejja dan, huwa qal li għandu konferma li t-tliet għaqdiet mużikali tal-Mellieħa kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom. Huwa għarraf ukoll li hemm prospetti tajbin li tieħu sehem ukoll banda mill-Ingilterra.

7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru (F/1/1/Vol II)

8.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li għalkemm id-dħul bejn Ottubru u Diċembru 2014 kien inqas mill-estimi b'€44,213, meta dan jittieħed fuq sena sħiħa kien hemm bilanċ ta' €47,306. Fil-każ tal-infieq, dan kien inqas mill-estimi fl-aħħar kwart tas-sena b'€48,260, filwaqt li fuq sena sħiħa kien inqas ukoll b'€404,067. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq kien hemm żbilanċ ta' €385,166. Is-Sur C. Debono spjega li dan għamlu tajjeb għalih ir-riżervi. Huwa qal li din it-tendenza trid tingħata attenzjoni, partikularment billi jitfasslu skedi ta' implimentazzjoni f'dak li jirrigwarda n-nefqa fuq proġetti kapitali.

8.3. Is-Sindku rrefera għall-minuti 2.7.1. u 9.2. tas-seduta preċedenti dwar il-prijoritizzazzjoni tal-proġetti kapitali u għarraf li ser ikunu għaddejjin konsultazzjonijiet mal-*accountant* tal-Kunsill dwar dan il-fattur, partikularment fid-dawl tal-fatt li l-asfaltar mill-ġdid ta' Triq Ramlet il-Qortin u l-programm ta' dwal ġodda f'Santa Marija Estate qed jingħataw prijorita` fuq proġetti oħra.

8.4. Billi ma kienx hemm aktar punti dwar ir-rendikont finanzjarju, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 9.1. Linji gwida għaż-żoni ta' *catering* fuq barra fi spazji pubbliċi (T/4/10)

9.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-avviż li deher fil-ġurnali fejn tħabbar li l-MEPA flimkien mad-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u Transport Malta huma nvoluti fil-proċess li jistabbilixxu linji gwida ġodda għaż-żoni msemmija. Għaldaqstant, il-MEPA f'isem l-entitajiet oħra ħarġet sejħa għall-konsultazzjoni pubbliċi, li essenjalment se jirregolaw it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet flimkien ma' strutturi anċillari fuq bankini u f'postijiet pubbliċi oħrajn.

9.3. Is-Sur E. Bartolo ppropona li l-punti segwenti għandhom jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti:

(a) Il-Kunsilli Lokali li fil-konfini tagħhom jintalbu dawn il-konċessjonijiet għandhom jiġu mitluba li jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom fi kwalunkwe deċiżjoni li tkun ser tittieħed u dan billi l-Kunsill Lokali konċernat ikollu membru fuq il-bord li jkun se jieħu konsiderazzjoni t-talbiet li jsiru. B'dan il-mod jiġi żgurat li mhux biss issir konsultazzjoni fil-forma ta' nformazzjoni u mbagħad il-Kunsill jiġi mitlub jagħti *rubber*

*stamp* għal deċiżjonijiet li diġa jkunu ttieħdu. Il-Kunsill għandu wkoll jirċievi persentaġġ mir-rati mħallsa;

(b) Il-permess jingħata għal perjodu ta' sena li jibqa' jiġġedded kull sena sakemm ma jkunx hemm xi raġuni valida li dan jiġi rtirat;

(c) Jiġi żgurat li l-konfini laterali ta' tali konċessjonijiet ma jaqbiżux l-wisa' tal-faċċata tal-istabbiliment li lilu tingħata l-konċessjoni;

(d) Għandu jiġi żgurat li l-bankini u passaġġi pedonali għandhom jitħallew kompletament ħielsa minn kull ostaklu għal użu pubbliku;

(e) Kwalunkwe struttura li ssir biex jiġi determinat l-ispazju tal-konċessjoni u biex jilqa' għall-elementi naturali għandha tkun konformi mar-regoli tal-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta`, iżda bl-ebda mod ma għandhom jiġu permessi strutturi permanenti, jiġifieri fissi. Għandha tinżamm uniformita` fit-tip ta' strutturi li jsiru, f'każ li dawn ikunu fl-istess area. L-aspett estetiku għandu jingħata l-importanza meħtieġa;

(f) Għandu jiġi żgurat li ma jingħata l-ebda permess għal tisjir fl-area ta' konċessjoni, iżda jiġu kunsidrati *waiter stations* u *display units* mobbli;

(g) Fejn bl-għoti ta' konċessjoni jkun se jintilef xi parkeġġ, għandu jintalab ħlas bħala kumpens, simili għal dak tal-*Community Parking Scheme* fil-każ ta' proġetti kbar. Il-ħlas għal dan jista' jkun anqas minn dak li jitħallas taħt l-iskema; u

(h) Ma għandu jiġi permess l-ebda reklamar fl-area tal-konċessjoni għajr *menu board* bil-prezzijiet tas-servizzi mogħtija mill-istabbiliment.

9.4. Il-Kunsill approva l-punti mressqa u talab li jiġu mgħoddija lill-MEPA.

## 10.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss tkun għall-Palazz ta' Verdala fil-Buskett, fit-23 ta' Marzu 2015, fejn tkun tista' issir laqgħa mal-President ta' Malta l-Eċċ. Tagħha Marie Louise Coleiro u ssir għotja għall-*Community Chest Fund*. Hija pproponiet li l-President tiġi ppreżentata kotba ppubblikati mill-Kunsill.

10.3. L-istess kunsilliera ssuġġeriet li l-ħarġa ta' wara ssir f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fejn il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, flimkien mal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Xlokk, ser ikunu qed ittellgħu l-MeDIETerranea Food Festival fis-17 u t-18 ta' April 2015.

10.4. Il-Kunsill approva ż-żewġ proposti mressqa.

## 11.1. Attivita` mill-Grupp tal-Qniepen (A/6/3/2/Vol 47)

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta 32 u qal li l-barrikati tal-Pulizija jkunu meħtieġa bejn id-19 u l-21 ta' Marzu 2015.

11.3. Is-Segretarju ħa nota biex tittieħed azzjoni.

## 12.1. *Open air gym* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

12.2. Is-Sindku għarraf li kellu kuntatti mas-Sur Mark Cutajar - il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Isports - dwar il-possibilta` li ssir manutenzjoni fuq l-apparat tal-gym imsemmi, peress li hemm partijiet minnu li qed jissaddu. Sar ukoll kuntatt mas-Sur Anthony Bonello mid-ditta li ssupplixxietu – Opal Ltd. Intlaħaq qbil li permezz tiegħu, il-KMS ser jipprovdu l-ħaddiema tagħhom biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ, filwaqt li Opal Ltd ser jipprovdu ż-żebgħa meħtieġa mingħajr ħlas. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li l-apparat in kwistjoni kien inxtara għall-Park tal-Familja mill-KMS.

12.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 13.1. Inizjattiva "*Summer on the Move*" (S/4/1/5)

13.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Kunsill Malti għall-Isports, rigward il-possibilta` li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jospita` xi dixxiplini sportivi fl-inizjattiva li qed jorganizzaw bl-isem "*Summer on the Move*" fil-Park tal-Familja. Dawn ser iseħħu nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn il-5.30pm u s-7.30pm matul ix-xhur ta' Lulju Awwissu u Settembru 2015. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-KMS talab sabiex iniedi din l-inizjattiva

fil-Park tal-Familja fid-29 ta' Mejju 2015, fejn ser tittieħed l-opportunita` biex isir l-għeluq tal-proġett Skolasports għall-istaġun 2014/2015.

13.3. Il-Kunsill qabel li jospita` l-attivitajiet imsemmija.

### 14.1. *Caravans fl-inħawi tal-Qortin it-Twil* (C/4/Vol III)

14.2. Is-Sindku aċċenna għall-ipparkjar ta' *caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil u talab lill-Kunsill jiddiskuti dwar jekk dan huwiex ser jiġi ttollerat matul ix-xhur tas-Sajf bejn Ġunju u Settembru 2015. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll illi qed ikun hemm pressjoni minn sidien ta' *caravans* ġodda sabiex jġibuhom f'dan il-post u jiżdiedu ma' dawk li nġiebu fi sjuf oħra u b'hekk in-numru tagħhom ikun iktar minn għoxrin.

14.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li sakemm ma jiġux ikkawżati problemi bl-iskart li jiġi ġġenerat, m'għandux jikkommetti ruħu fuq din il-materja, peress li m'għandux kompetenza legali fuqha.

### 15.1. Użu tal-*multi-purposes court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

15.2. Is-Sindku aċċenna għal talbiet li qed isiru mill-Mellieħa Athletics Club sabiex jintużaw il-faċilitajiet imsemmija. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li oriġinarjament kien hemm l-intenzjoni li din l-għaqda kellha tkun flimkien mat-timijiet tal-basketball u n-netball li jistgħu jużaw l-istess faċilitajiet. Għal raġunijiet tagħhom, il-Mellieħa Athletics Club bdew jagħmlu s-sessjonijiet tat-taħriġ tagħhom fl-lokalitajiet oħra.

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-Mellieħa Athletics Club għandhom jiġu akkreditati biex jużaw l-*multi-purpose court* mingħajr ħlas, billi huma purament assoċjazzjonijiet sportivi u m'hemmx intenzjoni li wieħed jagħmel profitt minnhom. Minkejja dan, ġie deċiż ukoll li kemm-il darba s-sessjonijiet jsiru mhux waqt il-ħinijiet tal-kustodju, il-Kunsill għandu jirkupra l-ispejjeż tiegħu, skont ir-rati tal-kuntratt relattiv.

### 16.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-inizjattiva l-"Arti fil-Misraħ" tal-2015 ser tiżvolġi fit-3, l-10, is-17 u l-24 ta' Lulju 2015 f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Għall-edizzjoni li jmiss hija pproponiet li jsir disinn u stampar ta' *backdrop* li jindika l-isem tal-inizjattiva, kif ukoll l-istemma tal-Kunsill.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' April 2015 fis-7.15pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**